**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru :**
**Appell Nru: 182/2001**

**Il-Pulizija ( Spettur Maurice Curmi )**

**Vs**

**----OMISSIS----**
**JASON PSAILA**
**PAUL VELLA**

**Illum, 11 ta'Frar, 2002.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti dedotti kontra Jason Psaila w Paul Vella talli f'Malta, fl-ahhar sena qabel it-23 ta'Dicembru, 1998 :

1. Ikkorrompew lill-P.C. 1537 Stephen Caruana u b 'hekk saru komplici tar-reat ta' korruzzjoni ta'ufficcjal pubbliku ai termini ta' l-Artikolu 120 tal-Kodici Kriminali;
2. Xjentement ghamlu uzu minn dokument jew certifikat falz mahrug jew moghti minn ufficcjal pubbliku, ai termini ta' l-Artikolu 186 tal-Kodici Kriminali;

3. B'wiehed mill-mezzi imsemmija fl-Artikolu 179, ghamlu falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista tghamel hsara lil xi persuna jew iggib utili, ai termini ta' l-Artikolu 187 tal-Kodici Kriminali;
4. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi werew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh ta' aktar minn Lm1000 ghad-dannu tas-Socjeta' Assikuratrici Fogg, u ta' persuni ohra, ai termini ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali;
5. Bil-hsieb li jiksbu ghalihom infushom jew ghal haddiehor il-hlas ta' flus ta' sigurta' kontra r-riskji, jew xi qligh iehor mhux misthoqq, iddustriggew, xerrdu 'l hawn u 'l hemm jew gharrqu b'xi mezzi li jkun, hwejjighom, ai termini ta' l-Artikolu 295 tal-Kodici Kriminali;
6. Sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom infushom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw tgharif falz, ai termini ta' l-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali;
7. **JASON PSAILA** wahdu talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datati 26 ta'Mejju, 1994 u l-4 ta'Lulju, 1995, liema sentenzi huma definittivi w ma jistghux jinbiddlu.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali datata 3 ta'Ottubru, 2001, li biha sabet lill-**JASON PSAILA** hati ta' l-ewwel, ir-raba u s-sebgha akkuzi, bl-akkuzi l-ohra assorbiti, u lill-**PAUL VELLA** hati ta' l-ewwel u r-raba akkuzi, u fuq dawn l-akkuzi hekk misjuba hatja, ikkundannat lill-**JASON PSAILA** ghall-tmintax (18) il-xahar prigunerija, sospizi ghall-erba (4) snin, u lill-**PAUL VELLA** ghall-tnax (12) il-xahar prigunerija sospizi ghall-sentejn. Barra minn hekk, ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9, ikkundannathom sabiex ihallsu l-ispejjes peritali involuti f'dawn il-proceduri.

Rat ir-rikors t'appell ta'**Jason Psaila** datat 15 ta'Ottubru, 2001, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati ta' l-akkuzi lilu addebitati, u konsegwentement, tilliberah minn kull htija w piena skond il-ligi.

Rat ir-rikors t'appell ta'**Paul Vella** datat 12 ta'Ottubru, 2001, li bih talab li din il-Qorti tvarja w timmodifika s-sentenza appellata in kwantu tannulla il-parti taghha fejn sabitu hati fl-ewwel u r-raba akkuzi, u tiddikjarah mhux hati taghhom u tilliberah minnhom u minn kull imputazzjoni w kundanna.

Rat l-aggravji taz-zewg appellanti.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi din il-Qorti sejra tiddisponi l-ewwel mill-appell maghmul minn **Paul Vella**, dan ghaliex hi qed tara li dan hu ta' facli spedizzjoni.

L-appellant Paul Vella gie misjub hati mill-ewwel Qorti fuq zewg akkuzi minn fost dawk addebitati lilu, u cioe' fl-ewwel akkuza, dik li rrenda ruhu komplici fil-korruzzjoni tal-P.C. 1537 Stephen Caruana, u fir-raba akkuza, dik li ghamel qligh frawdolenti ghad-detriment tas-socjeta' Assikuratrici Fogg Insurance. Hu kien gie liberat mill-akkuzi l-ohra kollha mressqa kontrih.

Issa l-Qorti ezaminat sewwa l-aggravji mressqa minn dan l-appellant sabiex tara jekk dak li qed jilmenta minnu jsibx konfort mill-provi u fatti rizultanti li hemm fl-atti processwali.

Minghajr ebda ezitazzjoni ta' xejn, il-Qorti tara li dan l-appellant ghandu ragun pjenament ghal dak li qed jissottometti fl-aggravji tieghu. Mill-provi li hemm fl-atti w mill-fatti rizultanti, ma hemm ebda hjiel ta' prova kontra tieghu li hu b'xi mod, sija bhala awtur kif ukoll bhala komplici, kien involut fil-korruzzjoni tal-P.C. 1537 Stephen Caruana. Jekk dan gie korrott sabiex jghamel xi haga, l-atti processwali juru li l-appellant Paul Vella bla ebda mod ma jikkonfigura f'xi wiehed mill-hames ezempji tal-komplici li jaghti l-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali. Ma hemm ebda prova fl-atti li anke remotament turi lil dan l-appellant f'xi agir li wassal ghall-korruzzjoni ta' l-imsemmi ufficcjal pubbliku. Dan ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' l-ewwel akkuza.

L-istess ghandu jinghad ghal dak li jirreferi ghar-raba akkuza. Anke hawnhekk ma hemm ebda prova li dan l-appellant ghamel xi gwadann frawdolenti ghad-detriment tas-socjeta' assikuratrici msemmija. Il-flus li din is-socjeta' hallset kollha thallsu lill-Andrew Psaila u minn imkien ma jirrizulta li l-appellant ha xi parti minn dawn il-flus. Kienet biss assunzjoni gratuita ta' l-ewwel Qorti li hu kien ghamel xi gwadann finanzjarju, izda dan ma jirrizulta minn imkien.

L-ewwel Qorti setghet, forsi, kellha xi suspett li dan l-appellant ippartecipa fil-korruzzjoni ta' l-ufficcjal pubbliku msemmi u li forsi ha xi parti mill-flus imhallsa mis-socjeta' assikuratrici, izda dan kien biss suspett, bla ebda mod pruvat, u, ghalhekk, fejn ma hemmx tali prova fl-atti, din ma tistgha qatt tigi sostitwita b'xi prova li qedha biss fuq bazi ta' suspett.

Ghalhekk, din il-Qorti tara li l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti kien wiehed zbaljat, fis-sens li in bazi tal-provi li kellha quddiemha dik il-Qorti, u safejn dawn jikkoncernaw l-appellant Paul Vella, hi ma setghetx legalment jew ragjonevolment tasal biex tikkonkludi kif fil-fatt ikkonkludiet.

Ghal dawn il-motivi, l-aggravji ta' l-appellant Paul Vella ghandhom jigu akkolti.

Issa l-Qorti sejra tikkunsidra l-appell ta’ **Jason Psaila**.

L-ewwel aggravju ta’ dan l-appellant hu li l-ewwel Qorti qatt ma setghet issibu hati fuq l-akkuzi enumerati 2 sa 6 dan ghaliex hi waslet ghall-konkluzzjoni li ssib htija fih unikament a bazi ta’ xhieda ta’ komplici, l-ex P.C. 1537 Stephen Caruana, minghajr ma dan ma gie b’xi mod sufficccjentement korroborat.

Fil-fatt l-Artikolu 639 (3) tal-Kodici Kriminali jaghmilha cara li fejn l-unika xhieda kontra xi akkuzat hija dik tal-komplici, sakemm ir-reat in kwistjoni ma jkunx wiehed minn dawk kontemplati fl-Artikoli 112 sa 118, 120, 121,124 sa 126, u 138, dik ix-xhieda wahedha ma tkunx bizzejjed biex tinstab htija kontra dak l-akkuzat sakem ma tkunx korroborata sufficcjentement b’cirkostanzi ohra. Huwa principju fondamentali fil-ligi penali li dak li jghid il-komplici fil-konfront ta’ xi awtur jew kull partecipi fl-istess reat m’ghandhux validita’ legali w ma jikkostitwixxi l-ebda prova. Ix-xhieda tal-komplici, mela, trid tkun sufficcjentement korroborata minn provi u cirkostanzi ohra, bl-eccezzjoni tar-reati taht l-Artikoli appena msemmija.

Fil-kaz prezenti, il-prosekuzzjoni ressqghet bhala xhud principali taghha lill-imsemmi ex-P.C. 1537 Stephen Caruana li kien gja’ gie gudikat bhala partecipi fl-istess reati addebitati lill-appellant Jason Psaila. Mela indubjament hawnhekk ghandu japplika l-principju legali li x-xhieda tal-komplici ma tistghax tipprevali meta ma tkunx sufficcjentement korroborata minn fatturi jew cirkostanzi estranji. Mela kien l-kompitu ta’ l-ewwel Qorti li tara jekk fil-fatt tirrizultax din il-korroborazzjoni rikjesta mil-ligi. Dik il-Qorti kellha tara li ma tistriehx biss fuq ix-xhieda ta’ dan l-ex-P.C. 1537 Stephen Caruana, specjalment ghar-reati taht l-imputazzjonijiet enumerati 2 sa 6. Mhux l-istess ghar-reat taht l-ewwel imputazzjoni, li hu reat taht l-Artikolu 120 tal-Kodici Kriminali, u, allura, ma hemmx bzonn ta’ korroborazzjoni bi provi u cirkostanzi estranji ghal dak li qed jghid il-komplici.

Ghalhekk din il-Qorti fliet dan il-process sewwa biex tara jekk in bazi tal-provi li tressqu, setghetx l-ewwel Qorti legalment tasal sabiex issib htija fl-appellant. U minn dak li setghet tara, tikkonkludi li hu ferm evidenti li sabiex dik il-Qorti

waslet biex issib htija fl-appellant fl-imputazzjonijiet 2 sa 6, hi strahet esklussivament fuq dak li qal dan Stephen Caruana. Effettivament fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti, meta giet biex tghati l-motivazzjoni taghha l-ghaliex kienet sejra issib htija f'dan l-appellant qalghet hekk testwalment : " *Illi ghar-rigward ta' l-imputat Jason Psaila, hemm ix-xhieda ta' l-ex P.C. 1537 Stephen Caruana li hija xhieda cara daqs il-kristall, hija rakkont preciz ta' kif sehh il-korruzzjoni w l-frodi*."

Sabiex din il-Qorti tkun certa, ezaminat sewwa l-provi l-ohra li hemm fl-atti, pero' dawn il-provi, li huma provi cirkostanzjali, ma jwasslux sal-grad tal-konviciment morali mill-htija ta' l-appellant fl-imsemmija reati. Ma jirrizultax li hemm fl-atti provi jew cirkostanzi ohra li sufficcjentment jikkoroboraw dak li qed jghid l-ex P.C. 1537 Stephen Caruana. Ghalhekk l-appellant ghandu ragun f'dan l-aggravju tieghu.

Mhux l-istess, pero', jista' jinghad ghar-reat addebitat lilu taht l-ewwel imputazzjoni, dik ta'korruzzjoni ta' l-imsemmi ex P.C. 1537 Stephen Caruana ai termini ta' l-Artikolu 120 tal-Kodici Kriminali. Hawnhekk mhiex mehtiega l-korroborazzjoni ta' dak li qed jghid dan Caruana li jirrakkonta b'mod manifest kif kien avvicinah l-appellant f'din l-okkazzjoni, bhal ma kien ghamel f'xi okkazzjonijiet ohra, u ikkorrompih biex jaghmel sketch ta'habta ta'vetturi minghajr ma kien hu li mar fuq il-post ta' l-allegat incident u nvestiga dik il-habta, dan kollu ghall-fini biex issir frodi a detriment ta'socjeta' assikuratrici. Din il-Qorti ma ghandha ebda dubju li l-ewwel Qorti kienet korrettissima li ssib lill-appellant hati fuq din l-ewwel imputazzjoni in bazi tal-provi li kellha quddiemha, u ma hemm xejn aktar xi tghid.

Dwar l-ilment ta' l-appellant li hu ma setghax jinstab hati li hu recidiv, hu qed jibbaza dan l-aggravju tieghu fuq il-fatt li s-sentenzi li gew esebiti quddiem l-ewwel Qorti, ghalkemm jirreferu ghall-persuna misjubha hatja bl-isem ta'Jason Psaila, pero' ma saretx il-prova essenzjali ta' l-identita'. U anke hawnhekk l-appellant ghandu ragun. Ma jirrizultax mill-atti li qatt saret din il-prova b'mod ufficcjali ta' l-identita' tal-persuna misjuba hatja bis-sahha tas-sentenzi esebiti bhala li hi l-istess persuna ta' l-appellant. L-ahjar prova kienet tkun billi l-

ufficcjal prosekutur f'dawk il-proceduri jigi prodott f'dawn il-proceduri biex bil-gurament tieghu jikkonferma li Jason Psaila misjub hati f'dawk il-proceduri huwa l-istess Jason Psaila odjern. Alternativament setgha jsir verbal f'dawn il-proceduri fejn bi qbil bejn iz-zewg nahat jigi registrat in atti li Jason Psaila misjub hati f'dawk il-proceduri huwa l-istess persuna Jason Psaila, l-appellant odjern. Minn dan kollu ma sar assolutament xejn, u, kif hu ben not, il-fedina penali esebita mhiex l-ahjar prova ufficcjali tar-recidiva. Ghalhekk anke dan l-aggravju huwa milqugh u l-akkuza tar-recidiva, f'dawn ic-cirkostanzi, ma setghetx tirrizulta pprovata skond il-ligi.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell ta'**Jason Psaila** billi filwaqt li qed tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti fejn sabitu hati fuq l-ewwel imputazzjoni, qed tirrevokaha fil-bqija taghha fejn kien gie misjub hati fuq l-akkuzi minn numru 2 san-numru 7 u, konsegwentement, qed tilliberah minn dawn.  In vista ta' din ir-riforma fis-sentenza appellata, din il-Qorti qed konsegwentement tirriforma wkoll il-piena nflitta fuq l-appellant mill-ewwel Qorti fis-sens li minflok il-piena karcerarja ta' tmintax (18) il-xahar sospizi ghall-erba (4) snin, din qed tigi ridotta ghall-sena prigunerija sospiza ghall-sentejn.

Dwar l-appellant **Paul Vella**, in vista ta' dak li intqal aktar il-fuq, l-appell tieghu qed jigi milqugh b'dan li din il-Qorti qed tirrevoka s-sentenza ta' l-ewwel Qorti fil-konfront tieghu biex b'hekk hu qed jigi mehlus u liberat minn kull akkuza, htija w piena.